Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 83
# It-Tnejn 26 ta' Novembru 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.40 p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier <dahal 17:50>
Emanuel Brincat – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier <dahal 17:58>

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku

## ASSENTI

Matthew Agius – Kunsillier

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 83.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija;

83.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

83.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge,li qal li ġej ftit tard minħabba raġunijiet ta' xogħol.

83.0.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Emanuel Brincat li qal li ma jistax idum aktar mitt 20:00 minħabba impenn ieħor.

83.1.04 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

83.2.01 Il-minuti ta’ Seduta L7-82 ittieħdu bħala moqrija u saru xi korrezzjonijiet f'minuti : 82.3.07 . 82.3.08 , 82.5.02 , 82.5.03 , 82.5.08 ,
Il-minuti ġew approvati unanimament.

83.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

83.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, korrispondenza u minuti ta' diskussjoni fil-Laqgħa fuq il bilanċi PA Development Fund u il-fond ta' Salvagwardja għall parkeġġ tal-Università.

83.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda dettalji fuq il-Purċissjoni għall-lejliet il-festa tal-Kunċizzjoni

83.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Cir AKL 2018 /141 Mezzi alternattivi ta' Trasport ġewwa l-lokalitajiet

83.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, korrispondenza u dettalji fuq il-Konferenza għall-Allokazzjoni Finanzjarja u l-Allokazzjoni

83.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda dettalji u x’sar fuq is-Sadd ta' Culverts Triq il-Kunżar.

83.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill kunsilliera preżenti fuq dettalji ta' applikazzjoni għall-Courses - SPI 3/2018 - Skema ta' Edukazzjoni u Tgħallm.

83.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill-kunsilliera preżenti u tat dettalji dwar laqgħa fuq Local and Regional networks for the Integration of third country nationals.

83.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti u tat dettalji dwar rappreżentanza għat - Taħwil ta' Siġar għall-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-kunsilli Lokali li saret ġewwa M'Scala.

83.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda u tat dettalji fuq il - Laqgħa AKL / Faces fuq il-Bus shelters

83.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti dwar attendenza għall-preżentazzjoni tal-Fondi għall-libreriji.

83.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti dwar attendenza għall-preżentazzjoni Launch of iBin u li l-Imsida se tkun fost l-ewwel li jibdew bihom.

83.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti dwar Laqgħa course għall Msc Amministrazzjoni u Governanza li applikat għalih u Segretarju Eżekuttiv fejn dawn se jkunu kull nhar ta' Tlieta fejn ikun hemm bżonn tinbidel id-data fissa tal-laqgħa tal-kunsill.

83.3.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar ix-xogħol li qed ssir minn Infrastructure Malta go Misraħ 5 ta'Ottubru Msida, u barra li saru xogħolijiet fuq Triq Dun Karm għamlu wkoll Triq Sant' Andrija gos-Swatar.

83.3.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti dwar ix-xogħol li beda ta' twessiegħ ta' toroq minn Infrastructure Malta ġo triq Reġjonali ħdejn Skate Park.

83.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

83.4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li bagħat email dettaljata lil l-ispettur, dwar xi karozzi pparkjati ġot- triq waqt il marċ tal-festa .

83.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar Triq l-Università fejn hemm il-konfini, bejn l- Msida mal-Gżira li saret tindifa tajba u il-Kenniesa ħadu l-prosit.

83.4.03 Is-Sur Maurice Aguis qal li tkellem mas- Sidien tal- binja. Fejn propost li jsir shifting ta' bozza ġo Rue D'Argens u dawn ma sabux oġġezzjoni biex jiffirmaw il kunsens.

83.4.04 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar żviluppi fuq ir-rampa, li saret fi-Triq il-Prinċipessa Margerita'.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li għadu għad ma kellux kuntatt ma rappreżentanti tal-KNPD.

83.4.05 Is-Sur Charles Selvaggi reġa' staqsa dwar it-tqassim tal-waste bin.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn huma f idejn il-WasteServ u li sal-mument ma' hemmx dettalji meta se jiġu ġo l-Imsida.

83.4.06 Is Sur Maurice staqsa dwar il - proġett tal-ġnien.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-proġett bħal proġetti l-oħra kien parti mil-proposti tal-kunsill suġġett tal-laqgħa msemmija tal-PA development fund u ġie mgħoddi biex ikun inkluż għall-fondi <ta'Misrah San Guzepp>.

Mizjuda:<ta'Misrah San Guzepp>

83.4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti dwar ilmenti fuq il-bankina temporanja li saret fi' Triq il-Wied fejn saru markers apposta biex din tkun viżibbli.

83.4.08 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar il Bye Law fuq xorb alkoħoliku intbghatet email biex il-proposta tiġi konsultata mal-pulizija biex tittieħed l-opinjoni tagħhom. Kif tista' tkun effettiva fil- qadi ta'dmirijiet tagħhom u l-Spettur wieġbet biex tinstab ġurnata wara nofs in-nhar. Se jkun mitlub jattendi l-avukat biex ssir konsultazzjoni aħjar.

83.4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar proposta minn kumpanija li toffri servizz għall-ġbir ta'drapp u ħwejjeġ użati ġie konsultat l-operatur u ġie rranġat ftehim. Dan il- ftehim li jista' jitwaqqaf f'numru ta ġranet minħabba li jista' ikun hemm sejħa għall konċessjoni.Ghas-ssuġġerit biex forsi is-servizz jingħat bil- banking bħal ma ssir il- Bulky Refuse il-kuntrattur qal li huwa aktar prattiku li ssir ronda.

83.4.10 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar ic-ċint tas-sisla meta se jsir u li kellem lill- ħaddiema assenjati mal-Kunsill biex jara dawn x qed jitolbu bħala inċentiv biex jagħmluh u inaddfu il-post ħalli jġib il-ħamrija u siġar u jitlob lill-kuntrattur biex tinżabar ħarruba .Hawn kompla jispjega < li talbu xi flus> biex dan ssir.

Mibdula:< li talbu xi flus>

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill kienu ġew mitluba biex jagħmluh u dawn talbu mod ieħor fejn spjega li dawn ma riedux inċentiv ta' flus iżda li kienu qed jitolbu li dawn jibdew jispiċċaw kmieni. Hawn kompla jispjega li dawn ma jistgħux jistennew li jibdew imorru dar kmieni meta dan huwa xogħol li suppost jistgħu jagħmluh huma.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li ma sarx sew għax ħadd ma għandu jaqbad min jheddu u jitlob jew jagħti ordnijiet lill-ħaddiema mingħajr ma jkunu avżati is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.
Saret Diskussjoni fuq is-Suġġett u ġie deċiż li jinġabru stimi fuq ix-xogħol biex dan iċ-ċint ssir.

83.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar l- applikazzjoni ta' Dawl għall-St Joseph Drive.(Triq Xatt l-Imsida) intbghatet email b'talba lis-CEO Enemalta biex jikkunsidraw li dan ssir.

83.4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li saret applikazzjoni fuq ċirkulari SPI 12/2018 biex jiġi nstallat apparat tal-Gym għall użu ta' residenti ġol ġnien f'Wesghet il-Kunsill Lokali.

83.4.13 Is-Sur Maurice Agius Staqsa dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċju.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb għalkemm dan jista' jinbidel se jistenna il ftehim kollettiv il-ġdid għall-ħaddiema klerikali joħroġ u imbagħad jitlob lill-kunsill jimxi min hemm.

83.4.14 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux possibbli li l-Bankina ġo Triq D'Argens ssir min naħa waħda biss?
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li hija taqbel, infatti diġà bi ħsiebha tkellem lill TM biex dawn jerġgħu jikkunsidraw.

83.4.15 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar banner li weħel mal-ħadid f'Misraħ San Guzepp u staqsa ta'min hu u jekk hux qed iħallas skond l-iskeda tal-Bye Law.
Is-Segretarju Eżekuttiv ha nota u se jiċċekkja.

83.4.16 Is-Sur Charles Selvaggi Staqsa fuq id-depożiti mal PA fuq ħsarat mil kuntratturi fuq bankini.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li fil-mument flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qed issiru spezzjonijiet kif suppost għall-kull talba u fejn hu neċessarju is-Segretarju ma jiffirmax sakemm issiru ix-xogħolijiet li jkun hemm bżonn issiru u li fil-mument hemm xi talbiet li għadhom ma ħadux clearence.

83.4.17 Is-Sur Charles Selvaggi Staqsa dwar ir-recycle bins u minkejja li saru ċertu kummenti pożittivi fuq tindif ġo ċertu toroq hemm wkoll ilmenti go toroq oħra.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif spjegat is-Sindku qabel dawn se jkunu mal-Lot tal-bidu iżda għalkemm ġa staqsa lill-operatur meta dawn se jibdew kull ma jaf huwa li fil-perjodu ta’ bejn Novembru u Frar u jifhem meta dawn ikun se jiġu il-kunsill ikun magharaf.Filwaqt li għat-tindif spjega li għalkemm jaslu ċertu ilmenti dawn ġieli ikunu jew waslu tard u ġieli ikunu anke esaġerati. Wieħed rrid jifhem li fil-mument dawn ma jistgħux jiġu vverifikati eżatt kif jidħol ilment minħabba in-nuqqas tal-Contracts Maniġer iżda dawn xorta qed jiġi mgħarraf bihom il-kuntrattur fil-pront biex tittieħed azzjoni. Li huwa ċert huwa li għalkemm għadu mhux sodisfatt sa l-ahhar in-numru tal-ilmenti naqsu sew meta mqabbla ma qabel.

83.4.18 Is-Sur Maurice Agius Staqsa dwar Ir-Reserved Parking ġo Rue D'Argen qabel tidhol fil-konfini tal-Gżira u qal li din ma hiex vera reserved parking u abbużata min sid ta' Ħanut meta din sa fejn jaf hu hija bla permess u għalhekk din għanda titnehha u jekk irid sid l-stabbiliment jerġax japplika kif suppost.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif ġa spjega ftit tal-ġranet qabel din qed tiġi verifikata ma’ TM u jekk din tkun bla permess din se titnehha.

83.4.19 Is-Sur Maurice Agius Staqsa dwar il garanzija għall -Bankina go Xatt ta' Xbiex fejn minkejja ċertu kuntrattur lesta ix-xogħol dan għadu ma rrangax kif suppost.
Is-Sur Emanuel Brincat ikkummenta li hemm problema biex issibu briks aħdar jaqbel għax ma għadux ssir.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fejn hemm binja ġdida msemmija ma saritx talba filwaqt li hemm binja oħra li kif ikkummenta is-Sur Emanuel Brincat kien hemm problema fuq il briks aħdar għax l-iżviluppatur ma setax ssib bħalu.

83.4.20 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar ix-xogħol mil-kuntrattur go Swatar tal-Belvedere u dewmien biex dan ikun lest.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li dan għadu qed jistenna l-għamara li għalkemm sa fejn jaf hu ġa waslet l-aġent għadu ma wasaliex fuq il post biex titwahal fil waqt li il-kuntrattur fadallu iwahal il-fanali.

83.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

83.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il mejda dettalji u talba għad-danni fuq tyre kawżat min aċċident go ħofra fi Triq Achille Ferris.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw il-ħlas ta'49 euro danni.

83.5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda korrispondenza Rental of training room u spjega li din il-kumpanija qed titlob stima għall-kiri ta' kamra fil-kunsill filgħaxija għall-5 ġranet konsekuttivi fix-xahar għall-għaxar xhur.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw li jekk il-kumpanija taċċetta id-day Centre biex jintuża filgħaxija biss u dan għandu jintalab mhux inqas minn 80 euro kull sessjoni.

83.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet fuq il-Laqgħa għall-kunsilliera fuq ir-riforma tal-kunsilli lokali ta' Regjun Ċentru fejn qalet li hi ma taqbilx kif ġew imqassma ir-reġjuni fejn L-Imsida ma għandu xejn x'jaqsam ma' lokalitajiet bħal Rabat u Mtarfa fost ohrajn.Minkejja li kulħadd jista' jagħmel il-kummenti tiegħu fuq is-sit apposta ħasset li l-kunsill għandu jikteb fuq din.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew fil xi dettalji u qablu li jgħaddu l-opinjoni u xi proposti bħala kunsill .

83.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet fuq l-ikla għall-anzjani weħidhom fejn qalet li ser tarġa tiġi organizzata flimkien mad-Dar tal-Anzjani.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u qablu unanimament.

83.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet fuq l-attività ta' tqassim tar-rigali lit-tfal tal-Milied miż-żagħżagħ tal-każin Banda Melita fejn talbu bħass -sena ta'qabel għajnuna ta' ġarr bil-Van..
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u qablu li jsir ġar bil van bħass -sena ta' qabel.

83.5.06 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-knis għax dan meta beda kien qed jagħmel xogħol tajjeb iżda issa mhux qed jagħmel dan u ippropona li dan għandu ssir default jitwaqqaf il-pagament.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li biex ssir default rrid ikun kif deskritt fil kuntratt u mhux jidħol rapport ġranet wara u ngħidu li sar default u l-kuntrattur tibgħatu notice .Biex tissolva din is-sitwazzjoni hemm bżonn ikun hemm fit-toroq il-Contracts maniġer li jivverifika f'ħin reali jekk il-kuntrattur hux qed jiknes tajjeb jew le, imbagħad jitlob li dan ssir u jekk dan ma jsirx hemm ikun jista' jieħu l-azzjoni skond il-kuntratt. Għalhekk qed jitlob lill kumitat tal-Evalwazzjoni biex jieħu ħsieb jiddeċiedi it-Tender għall-Contracts Maniġer.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u qablu li jwaqqfu il-pagament sakemm ssir laqgħa mal kuntrattur biex jitjieb is-servizz.

83.5.07 Is-Sur Charles Selvaggi talab biex jitnehew xi tabelli fejn l-skola ħalli jkunu jistgħu iżidu il-parkeġġ.
Is-Segretarju Eźekuttiv ħa nota biex jaraw u jekk possibbli ssir .

83.5.08 Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq gutter ġo Xatt l-Imsida ma' Gioacchino Navarro.

Is-Segretarju Eźekuttiv ha nota.

**83.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

83.6.01 Ma kienx hemm Rapporti tal-laqgħat tal-Kumitat

**83.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

83.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-83 < dc 83 .7. 01 > ta' ħlasijiet bejn il-26 ta' Ottubru sa' 26 ta' Novembru. Għall-approvazzjoni tal-Membri.

Ġie deċiż li sakemm ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-knis pagamenti 60 u 61 jiġu miżmuma.

L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondati mis-Sur Charles Selvaggi.

L- iskeda ġiet approvata ,unanimament.

**83.8 Tmiem tal-laqgħa u d- data tas-seduta li jmiss.**

83.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata, għall-Ħamis 20 ta' Diċembru 2018 f' 12:00 am.

Minuti konfermati, illum 20 ta Diċembru 2018

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv